MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru 130/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**CARLOS AQUILINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carlos Aquilina ta’ 20 sena, iben Carmel u Josephine nee’ Muscat, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Ottubru, 1989, residenti ‘15’ Solitaire, Triq Titu Brandsma, Fgura u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 500489(M);

1. Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta’ Frar 2010 ghal habta ta’ 8.45p.m. u hinijiet wara waqt li kien fi Triq Titu Brandsma, Fgura, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq bieb ta’ residenza numru 15 u fuq bieb ta’ garaxx numru 17 sitwati fi Triq Titu Brandsma,

Fgura ghad-dannu ta’ Carmel Aquilina mill-Fgura liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47Euros;

2. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna, hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta’ Carmel Aquilina mill-Fgura u kkagunali ferita ta’ natura hafifa skond ma’ ccertifika Dr. M.Rizzo Naudi minn Hal-Ghaxaq;

3. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, kkaguna lil Carmel Aquilina u Josephine Aquilina mill-Fgura biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom, jew kontra l-persuna jew propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;

4. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, cirkustanzi u f’diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-marka Freight Rover numru tar-registrazzjoni BAC138 minghajr licenzja tas-sewqan u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assigurazzjoni kontra terzi persuni;

5. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura tal-marka Freight Rover numru tar-registrazzjoni BAC138 b’manjiera bla kont u traskurata;

6. Illi huwa akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-prijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 31 ta’ Lulju 2008;

7. Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Carmel Aquilina mill-Fgura sabiex jingurjah, idejjqu, jew jaghmillu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

8. Illi huwa akkuzat talli fl-istessjum, lok, hin, u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

9. Illi huwa akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b’mod iehor;

Il-Prosekuzzjoni gentilment titlob lil Qorti f’sejbien ta’ htija, li Carlos Aquilina jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmel Aquilina u Josephine Aquilina mill-Fgura u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384, 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.15);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Carlos Aquilina**, hati skond l-akkuzi ghajr ghas-sitt (6) akkuza li minnha tilliberah stante li ma tirrizultax u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 221, 339(d), 338(dd)(1) u 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 15 u 32 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal sentejn taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.**

Il-Qorti ma tistghax ssib htija fis-sitt (6) akkuza stante' illi tali sentenza kellha perijodu operattiv ta' sentejn, l-iskadenza ta' liema perijodu operattiv sehh fis-26 ta' Jannar 2010. Id-data ta' l-akkuzi odjerni hija tal-15 ta' Frar 2010.

**In oltre', l-Qorti tissosspendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal perijodu ta' sena waqt li tikkundannah jhallas multa ta' hames mija tnejn u tmenin Euro punt**

**erbgha u tletin centezmu (€582.34) – ekwivalenti ghal mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250).**

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-mahfra da parti tal-genituri tieghu u x-xhieda ta' Dr. Vella Baldacchino.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------